MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

Ġudikatur

**Avv. Dr. Graziella Tanti LL.B, LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' Lulju, 2025**

**Avviż tat-Talba numru: 178/2024 GT**

**Joseph Perici Calascione**
**[K.I. Nru 569356(M) ]**

***Versus***

**1. A+Turnkey Services Limited [C-90674]**
**2. Luca Di Modugno [K.I. Nru. 0197319(A)]**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviż tat-Talba mressaq nhar it-18 ta' Ġunju 2024[1] u d-dokumenti annessi, fejn l-attur talab li t-Tribunal jiddikjara li s-soċjeta' intimata naqset milli twettaq xogħlijiet illi kienet inkarigata illi tagħmel u naqset milli tonora l-obbligi minnha assunti fl-inkarigu tagħha u konsegwentement tiddikjara illi tali inkarigu huwa terminat; u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu s-somma ta' tlett elef mija u erbgħin ewro (€3, 140. 00) jew somma oħra verjuri stabbilita' minn dan it-Tribunal u liema ammont jirrappreżenta

[1] a fol 1 et seq tal-atti proċesswali

(i) €1000 ammont rappreżentanti rifużjoni tal-ħlas ta' depożitu għall-ordni tat-twieqi u bibien, u liema twieqi u bibien sa llum baqgħu ma ġewx ikkonsenjati; u
(ii) €840.00 bħala danni rappreżentanti l-ammont ulterjuri illi r-Rikorrenti kellu jinkorri sabiex jagħmel tajjeb għal nuqqasijiet da parti tas-soċjeta' intimata u/jew l-intimat, meta ġew ikkonsenjati madum mhux skont dak miftiehem u ordnat; u
(iii) €1300 ammont rappreżentanti l-ispejjeż tax-xogħlijiet rimedjali reżi neċessarji minħabba l-inadempjenza kuntrattwali tas-soċjeta' intimata u minħabba l-aġir tal-intimat.

L-attur talab ukoll l-ispejjeż inkluż dawn tal-ittra uffiċjali bin-numru 1919/2024 u l-interessi legali.

Ra li għad li debitament notifikati bl-atti ta' dawn il-proċeduri[2], il-konvenuti naqsu milli jippreżentaw risposta fit-terminu preskritt mil-liġi għal dan il-għan u lanqas ma deher xi rappreżentant tagħhom (jew xi difensur għalihom) għas-smigħ ta' dan il-proċediment.

Ra illi t-Tribunal diversament presjedut iddikjara lis-soċjeta' konvenuta fi stat ta' Kontumaċja fis-seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2024[3].

Ra d-digriet tal-Prim Imħallef datat 26 ta' Marzu 2025, fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn dan it-Tribunal li kien presedut minn Dr. Duncan Borg Myatt ġew assenjati lil dan it-Tribunal kif issa presedut.[4]

[2] Ara l-*folder* a fol 10 tal-atti proċesswali u l-*pink cards* ġol-istess *folder*
[3] Verbal a fol 11
[4] A fol 13 et seq

Ra wkoll illi dan it-Tribunal kif presedut illum iddikjara wkoll lil konvenut Luca Di Modugno fi stat ta' Kontumaċja fis-seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Mejju, 2025.[5]

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra illi ġie dikjarat illi s-soċjeta' attriċi ma kellhiex provi ulterjuri xi tressaq.

Ra illi t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Illi l-paragrafu (b) tal-Artikolu 13 tal-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar [Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta] jgħid illi *"Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu mutatismutandis."* Illi jidher li dan l-Artikolu jħalli fid-diskrezzjoni tal-ġudikant jekk jiddifferixxix il-kawża għal ġurnata oħra jew le.

Illi dwar dan, fis-sentenza "**G.M.F Precast Limited vs Franmar Limited**"[6] deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar diversament presedut ingħad li:

[5] Verbal jinsab a fol 27 tal-atti proċesswali
[6] Deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Lulju 2022, Avviż tat-talba numru 366/2021

*"Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-duttrina forensi nsibu ritenut illi, "la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto" (Salvatore La Rosa, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara in re* ***Giuseppe Gerada v. Salvu Attard*** *(Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959); id-decizjoni riportata f'Kollez. Vol XXIX-III-35; il-kawza in re* ***Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et*** *(Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010); id-decizjoni in re* ***Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici*** *(Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u in re* ***Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim*** *(Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika tal-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss..."*

Magħdud ma' dan, it-Tribunal iqis ukoll dak li ntqal kemm-il darba f'diversi sentenzi fosthom f' **"Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et"** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru 2002):

*"Del resto, kif bosta drabi rimarkat, il-kontumacja wahidha ma kellhiex titqies bhala ammissjoni tat-talba ta' l-attur da parti tal-konvenut izda*

*kontestazzjoni ta' l-istess. Gie rilevat fid-decizjoni a* ***Vol XXIX pIII p35*** *illi "ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti."*[7] Dwar dan ara wkoll "**Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et**", deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005, mill-Qorti tal-Appell Inferjuri.

**It-Tribunal ikkonsidra ulterjorment**

Illi skont kif diġa' ġie indikat aktar 'il fuq, il-konvenuti, għalkemm debitament mgħarrfin bl-Avviż tat-Talba u nnotifikati skont il-liġi, naqsu li jippreżentaw risposta u naqsu wkoll li jidhru f'xi seduta jew oħra, u għalhekk waqgħu fi stat ta' Kontumaċja.

Illi it-Tribunal xorta waħda jeħtieġ jevalwa l-provi kollha prodotti, u huwa obbligat li janalizza din l-ammissjoni flimkien ma' kull prova oħra u dana anke fid-dawl tal-ġurisprudenza kollha fuq kwotata. Għalhekk it-Tribunal sejjer jagħmel analiżi tal-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u dan sabiex eventwalment jiġi determinat jekk permezz tal-provi mressqa mill-attur, it-talbiet tal-istess attur għandhomx jiġu milqugħa.

Illi t-Tribunal ra n-nota tal-attur preżentata fis-seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Mejju, 2025[8], liema nota tikkontjeni Dok JPC A - l-affidavit tal-Attur flimkien ma' dokumenti relattivi; Dok JPC B Affidavit tal-Perit Andrew Psaila u DOK JPC C Kopja tal-Ittra Uffiċjali numru 1919/2024.

[7] Appell Civili Numru. 990/2001/1

[8] Nota u dokumenti annessi jinsabu a fol 28 tal-atti proċesswali

Permezz tal-affidavit tiegħu, **l-attur Joseph Perici Calascione** spjega kif f'Settembru tas-sena 2022 beda proċess sabiex jagħmel diversi alterazzjonijiet kif ukoll tiġdid u estensjoni fil-bini tad-dar fl-Għarb. Fost dawn l-alterazzjonijiet kien hemm il-ħtieġa li jibdel il-madum kollu tal-art kif ukoll ta' żewġ kmamar tal-banju. Barra minn hekk kien hemm bżonn jinbidlu bosta mill-aperturi ta' barra kif ukoll il-bibien ta' ġewwa.

Ir-rikorrenti għamel appuntament sabiex jiltaqa' mal-konvenut Luca Modugno sabiex juża' s-servizzi tal-kumpanija A Plus Turnkey Services Ltd. Wara li kien hemm ukoll korrispondenza fejn Modugno bagħat lir-rikorrenti diversi katalogi b'tipi ta' madum, ir-rikorrenti bagħat lill-konvenut lista finali fit-23 ta' Awwissu 2023 sabiex jagħtih kwotazzjoni [9] Ir-rikorrenti jkompli jgħid li fl-24 ta' Awwissu 2023 l-konvenut bagħtlu l-kont finali u kkonfermalu. Dan il-kont ġie anness mal-affidavit u mmarkat bħala Dok A+ 1.

L-attur sostna illi huwa ħallas depożitu ta' elfejn ewro (€2000) fil-kont tal-kumpanija konvenuta u dana jirriżulta minn Dok JPC 2 a fol 37. Irriżulta mill-affidavit tar-rikorrenti stess illi l-madum wara xi dewmien wasal u kellu jibqa' issiġillat fil-garaxx u għalhekk ir-rikorrenti ma setax jarah fiżikament. Dak in-nhar stess fit-3 ta' Ottubru 2023 ir-rikorrenti ħallas id-differenza u kif ukoll sittin ewro (€60) tal-lifter li b'kollox kien jammonta għal għal erbat elef, tlett mija u tlieta u tmenin ewro (€4, 383).

Jirriżulta ukoll mill-affidavit u dok jpc4 li fit-23 ta' Ottubru 2023, il-konvenut bagħat prezzijiet għat-twieqi u bibien u fit-28 ta' Ottubru 2023 meta staqsih, il-konvenut qallu li jekk issir l-ordni dak in-nhar sabiex jasal kollox għandu 60 ġurnata.

[9] annessa mal-istess affidavit tar-rikorrenti u mmarkata bħala Dok JPC 1.

Irriżulta illi fit-28 ta' Ottubru 2023 ir-rikorrenti għamel trasferiment ieħor ta' elf Ewro (€1000) bħala depożitu tal-bieb ta' barra, il-bibien ta' ġewwa u l-aperturi tal-PVC kif jidher minn Dok jpc5.

Mill-affidavit tar-rikorrenti jidher li meta marru sabiex iweħħlulu l-madum, irriżultalu li ma kienx jaqbel mal-kumplament tal-madum ghax kellu tonalita' differenti u li kien kollu ħażin u mhux li kien ordna hu. Jidher li r-rikorrent kellem lil konvenut Luca Di Modugno u li minn naħa tiegħu fit-30 ta' Marzu 2024 qal lir-rikorrenti li l-kumpanija fetħet każ. Fit-3 t'April 2024 il-konvenut bagħtlu katalogu ieħor biex jagħżel il-madum, u baqgħu li l-konvenut kien ħa jerġa' jixtrilu l-madum minn Malta. Jidher pero' li l-konvenut ma ħallasx u baqa' wkoll jġib l-iskużi. Jidher ukoll li minkejja li r-rikorrent ħallas depożitu għall-bibien u aperturi, dawn ukoll ma waslux.

L-attur jispjega li kellu jerġa' jitwaħħal il-madum mill-ġdid u li mill-elfejn sebgħa mija u ħamsin Ewro (€2,750) li kellu jħallas, elf sebgħa mija u ħamsin (€1,750) kienu għall-kamra tal-banju. Ir-rikorrenti wkoll preżenta kont li tħallas kollu li hu mmarkat bħala Dok Jpc6. Huwa kellu jerġa' jixtri ukoll il-madum tal-ħitan tal-kamra tal-banju li swieħ tmien mija u sitta u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€846.50) kif jidher minn Dok jpc7.1 u jpc7.2 u ħallas ukoll addizzjonalment disgħin ewro (€90) oħra kif jidher minn Dok jpc7.3.

Mill-Affidavit tal-**Perit Andrew Psaila** (Dok JPC C), jirriżulta illi kien l-istess Perit Andrew Psaila li ssuġerixxa lill-attur li juża s-servizzi tal-konvenuti u dan ikkonfermah ukoll ir-rikorrenti fl-affidavit tiegħu. Huwa kien preżenti waqt l-appuntamenti li kellhom bejniethom il-partijiet. Kien mar personalment u ra l-madum illi kien ġie kkonsenjat u jikkonferma illi

dawn kienu ta' tonalitajiet differenti minn xulxin tant li wieħed jinnota mill-ewwel, u li ma kienux bħal dawk li ordna l-attur. Il-Perit Psaila jikkonferma li kien tkellem personalment mal-konvenut dwar danizda kull darba kien jagħtih skużi varji. Jgħid illi fl-aħħar pero' l-konvenut kien aċċetta li kien hemm problema bil-madum li kien issuplixxa lir-rikorrenti u kien qallu li l-problema kienet minn naħa tal-fabbrika. Rigward l-aperturi, il-Perit Psaila jgħid li wara ħafna dewmien, il-konvenut kien qallu personalment illi hu ma kienx f'posizzjoni finanzjarja sabiex iħallas lill-fabbrika għalihom, u li l-fabbrika kienet ikkonfermat illi l-ordni kienet lesta iżda rrifjutaw li jikkonsenjawhom għaliex il-konvenut ma ħallashomx.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Illi l-attur qed jitlob għall-ammonti li huwa ħareġ żejda u li jispjega sew u fid-dettal, u jillimita t-talba tiegħu għall-ammont ta' tlett elef mija u erbgħin Ewro (€3, 140. 00). Dan l-ammont jirriżulta kkonfermat mill-affidavit tar-rikorrenti stess, mid-dokumenti u l-provi kollha prodotti mill-attur.

Għalhekk, fid-dawl tal-provi indikati hawn fuq li ġew imressqa mill-attur, it-Tribunal huwa sodisfatt li t-talbiet tal-attur ġew sodisfaċentement ippruvati u jimmeritaw akkoljiment. Tali provi ma ġew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, wara li eżamina bir-reqqa l-istess fil-kwadru probatorju intier, ma jiddubitax mill-veraċita' u r-rilevanza tagħhom.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant,** it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet kollha tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti solidarjament bejniethom iħallsu lil-attur is-somma ta' somma ta' tlett elef mija u erbgħin ewro (€3, 140. 00), bl-imgħax li għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mit-18 ta' Ġunju, 2024, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri, kif ukoll dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali numru 1919/24 datata 20 ta' Mejju, 2024, huma a kariku tal-konvenuti solidarjament bejniethom.

**ft. Avv. Dr. Graziella Tanti**
***Ġudikatur***

**ft. Adrian Pace**
***Deputat Reġistratur***